MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 1464/1996/1

**Anne Attard u Saviour Attard**

**Vs**

**Rose Bonello u ghall-interess li jista' jkollu zewgha John Bonello bhala kopartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma li tigi minn din il-Qorti likwidata bhala danni lilhom kagunati konsegwenza tal-incident tat-traffiku tad-19 ta' Settembru 1996 li ghalih il-konvenuta Rose Bonello kienet responsabbli billi waqt li kienet qed isuq il-karozza L-6519-M minhabba negligenza imprudenza, nuqqas ta' attenzjoni u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku habtet mal-karozza tal-atturi S-4633-M u ikkagunat hsara fiha.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Novembru 1996, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

L-ammont tad-danni ma jeccedix il-kompetenza ta’ din il-Qorti u ma jeccedix hames mitt lira (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 7 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma gara tort tal-eccipjenti izda unikament htija tal-attrici Anne Attard.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.
3. Billi l-eccipjenti garrbu d-danni konsegwenza tal-istess incident tort tal-imsemmija Anne Attard se jressqu kontro talba.

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenuti (fol 7 u fol 8) u li biha talbu sabiex l-attrici, Anne Attard tghid ghaliex m’ghandhiex tkun kundannata minn din il-Qorti beix tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni li ikkagunat lill-konvenuti bhala konsegwenza ta’ l-incident awtomobilistiku li gara r-Rabat fid-19 ta’ Settembru 1996 meta waqt li kienet qed issuq il-vettura Nru. S-4633 saret habta mal-vettura Nru. L-6519 misjuqa mill-konvenuta Rose Bonello u propjeta’ tal-konvenuti konjugi Bonello, prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-istess attrici Anne Attard kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regoalmenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali presentata fis-6 ta‘ Jannar 1997 ghan-notifika tal-asskurazzjoni tal-atturi bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali, kontra l-attrici Anne Attard li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta’ kompetenza, jigi dikjarat li d-danni tal-konvenuti ma jeccedux il-hames mitt lira (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-istess atturi ghall-kontro talba tal-konvenuti (fol 12 u fol 13 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

Illi l-incident gara unikament b’tort tal-konvenuta Rose Bonello u ghalhekk il-kontro talba tal-konvenuti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun li, hawnhekk, issir referenza ghax-xhieda ta’ WPS 171 Liliana Mifsud (fol 37 u fol 40 et seq ibid) li investigat dan il-kaz u esebit id-dokumenti kollha relattivi ghall-istess incident fosthom l-iskizz u kopja tar-rapport redatt minnha. B’referenza ghall-istess skizz, li hu skalat, ix-xhud testwalment qalet “Huwa korrett li wiehed jghid illi l-karozza tal-attrici S-4633 …. Tidher li hija ‘on the wrong side of the road’.

Inoltre hi semmiet li l-habta bejn l-vetturi involuti kienet wahda frontali. Ix-xhud accennat fix-xhieda taghha ghal dak li stqarrew maghha il-partijiet wara l-incident. Difatti, kif jidher a fol 43 ibid, l-attrici qalet illi ‘… kienet qed tistenna biex tipparkja, daqqet il-horn u (presumibiliment il-konvenuta) baqghet diehla fija, wara li (dejjem l-istess konvenuta) kienet qed thares lejn in-naha l-ohra tat-triq’. Diparti tal-konvenuta din stqarret ‘… kienet tiela u fil-pront (presumibilment l-attrici) dahlet fuqha’.

Ikkunsidrat

Illi mill-istess skizz jista’ jigi kostatat biss, li effettivament trattasi ta’ kollisjoni frontali f’triq fir-Rabat u bil-karozza uzata mill-attrici fil-fatt fuq in-naha hazina tat-triq In rigward l–istess triq, jidher li din kienet ‘two way’.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, meta xehdet (fol 48 et seq ibid) specifikat li l-incident gara fi Triq Sant Rita fir-Rabat vicin it-'terminus' tax-xarabank madwar hames mitt metru l-isfel mill-Ghassa tal-Pulizija. Fuq pjanta esebita minnha (ara fol 63 tal-atti kif markat bl-ahmar), hi markat bl-imsemmi kulur, il-karozza, parkeggata, li kienet qed tintuza minn Josephine Bonello kif ukoll il-karozza uzata minnha. Waqt li kienet qed issuq lejn u fid-direzzjoni tal-Pjazza ta' San Pawl u fuq in-naha tax-xellug tal-istess triq. Hawnhekk indunat li Josephine Bonello kienet qed iddahhal tfal fil-karozza taghha u peress li din kienet hierga mill-post fejn kienet parkeggata, l-attrici "…. Waqqaft il-karozza tieghi ftit quddiemha anzi' jien tlajt in-naha ta' fuq, fid-direzzjoni ta' San Pawl, u ergajt dawwart lura … peress li.. jghaddu hafna karozzi'. Sadattant hi keinet rat lill-karozza tal-konvenuta gejja (madwar hames mitt metru l-boghod) … minn naha ta' isfel minn fejn kont gejja jien, originarjament'. L-attrici semmiet li l-konvenuta' … kienet aljenata fis-sens li kienet qed thares lejn xi hanut ' fuq il-lemin fejn skond ma hi allegat tahdem 'habiba taghha'. Ghalhekk, waqt li kienet ghadha wieqfa, l-attrici bdiet iddoqq il-'horn' izda xorta wahda l-konvenuta habtet mal-karozza taghha.

Ghandu jigi notat li l-istess attrici fix-xhieda taghha ammettiet li kienet '… fuq in-naha taghha (tal-konvenuta) 'wrong side' u 'Il-konvenuta kienet fuq in-naha taghha tat-triq" (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmija Josephine Bonello a fol 27 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 71 et seq ibid) spjegat li hi kienet qed issuq fid-direzzjoni tal-Pjazza ta' San Pawl, fuq in-naha tax-xellug tal-istess triq, deskritta minnha bhala wahda wiesa' izda traffikuza u b'diversi vetturi parkeggiati anke' fejn mhux suppost'. Minn faccata taghha, hi rat il-karozza tal-attrici, liema karozza kienet '… fuq in-naha l-hazina tat-triq' u ' … niezla' sabiex tigi parkeggata '.. fuq in-naha minn fejn kont ghaddejja jiena'.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi prodotti mill-partijiet dwar ir-responsabilta’ o meno tal-incident in esami jidher li:-

a) Ma kienx kontestazzjoni li meta gara l-incident in esami, l-attrici kellha l-karozza misjuaqa minnha fuq ‘the improper side of the road’. Dan hu fatt risultanti, anke, mix-xhieda tal-istess attrici, li kienet, bl-intenzjoni, li tipparkegga l-vettura taghha minflok dik uzata mix-xhud Josephine Bonello.
b) Il-konvenuta da parti taghha kienet qed issuq ‘on the proper side of the road’ kif ammettiet l-istess attrici.
c) Il-Qorti ma hix konvinta li l-konvenuta kienet b’xi mod aljenata ghar-raguni specifikata mill-istess attrici fix-xhieda taghha. Dwar dan il-punt l-istess Qorti tara li l-attrici kellha ggib xi prova ulterjuri sabiex tissostanzja tali allegazzjoni. Presumibilment, din il-‘habiba ‘ setghet kienet Rita Scerri (fol 83 ibid) li qalet, biss, illi meta grat il-habta l-ebda wahda mill-vetturi ma kienet wieqfa.
d) A basi ta’ dak premess u fil-fehma tal-istess Qorti, fuq bazi ta’ probabilta’, jidher li l-kawza unika u mmedjata ta’ dan l-incident kienet il-manuvra esegwita’ mill-istess attrici, b’mod altament imprudenti u traskurat billi saqet il-vettura uzata minnha fuq in-naha hazina u impropja tat-triq.

Illi, ghalhekk, ir-responsabilta’ kollha ghall-istess incident trid tigi akkollata lill-istess attrici u konsegwentement ghandha tigi milqugha l-kontrotalba tal-konvenuti.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-‘quantum’ pretiz mill-konvenuta, issir referenza ghax-xhieda tal-konvenut John Bonello (fol 75 et seq ibid) u ghal dik lis-‘surveyor’ imqabbad minn dan Nalino Agius (ara fol 97, fol 77 u fol 99 tal-istess atti) minn fejn jidher li saret stima tat-tiswijiet relattivi ammontanti ghal Lm200, ammont li ‘arbitrio boni visi’ jidher li hu, gustikat’.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici, filwaqt li tichad it-talbiet attrici, tilqa t-talbiet tal-konvenuti kif risultanti mill-imsemmija kontro-talba u:

1. tiddikjara lill-attrici, Anne Attard bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-triffiku.

2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm200.

3. tikkundanna lill-istess Anne Attard sabiex thallas lill-konvenuti s-somma hekk likwidata ta' Lm200 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar 1997 imsemmija fl-istess kontro talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------